# GĦAL ĊIMITERJU.

GĦAD-DELL . TAS-SALIB
IT-TAMA . WEĦIDHA . TAGĦNA
HAWN . FIL-BEWSA . T'ALLA . MISTRIEĦA
SAKEMM . JASAL . JUM . IL-ĦAQQ
META . L-ĦABBAR . T'ALLA . JDOQQ . BIEX . IQAJJIMNA
U . AĦNA . NQUMU
GĦAX . ĦUNA . L-EWLIENI . QAM . HUWA . WKOLL
U . DAWN . L-IĠSMA . TAGĦNA
LI . NŻERGĦU . FIT-TAĦSIR . U . L-GĦAJB
JERĠGĦU . JINGĦAQDU . MA' . RWIEĦNA
BIEX . QATT . IŻJED . MA . JINFIRDU
JITBIDDLU . U . JINTLEW . BIL-QAWWA . U . S-SEBĦ
U . AĦNA . NTENNU . JA . MEWT . FEJNHA . REBĦIETEK
INTIRU . BĦAR-RIĦ
IMMORRU . NILTAQGĦU . MA' . L-IMĦALLEF . TAL-ĦAQQ
LI . JDAĦĦALNA . MIEGĦU . FIS-SALTNA
LILNA . MĦEJJIJA . MINN . MISSIERU
FEJN . JINSABU
IL-FARAĠ . ID-DAWL . U . L-MISTRIEĦ . TA' . DEJJEM
B'DIN . IT-TAMA . GĦALAQNA . GĦAJNEJNA
U . NERĠGĦU . NIFTĦUHOM . META . SSEĦĦ.

**Dun Pawl.**

# KIF BDIET U MXIET IL-GĦAQDA

*(Jissokta ma' ta' qabel)*

IL-KUNĊERT.

Biex *il-Għaqda* tistampa il-Grammatka kellha bżonn tal-flus u l-ewwel ma ttantat biex tiġborhom kien billi tagħmel Kunċer, Malti: kunċert, li bih, fl-istess ħin, tkun tista' turi x'isarraf ilt lsien malti.

Dal-Kunċert sar fit-Teatru Manoel fit-3 ta' Frar 1923.

X'sar fil-Kunċert:

L-EWWEL BIĊĊA. Beda il-kliem tal-President, is-Sur Ġużê Muscat-Azzopardi fejn wera x-inhuma l-ħsebijiet tal-Għaqda.

Sebbħet l-ewwel biċċa s-"Società Mandolinistica "Melita" tal-Birgu billi daqqet ħafna bċejjeċ: kollha ta' Awturi Maltin; kienu sbieħ iż-żewġ solojiet, wieħed fuq il-Kitarra mis-Sur Romeo Barbara u l-ieħor (fit-tieni biċċa) fuq il-Vjolin mis-S.na Mary Magri.

"Il-Għanja ta' Malti fl-Amerika", poeżija tal-Prof Dun Karm Psaila, għaxxqet lil kullħadd bil-ħlewwa tagħha.

Il-Kontradanza Maltija li żifnuha tfal minn tas-Sliema kienet l-isbaħ fl-ewwel Biċċa. Żifnuha ħelu, sewwa u taw gost lil kullħadd.

FIT-TIENI BIĊĊA barra mir-*resumé* tal-Ġrajja Maltija "Il-Fidwa tal-Bdiewa" kien hemm żewġ Rumanzi bil-Malti: il-waħda "Nofs ta' Kelma" immużikata mis-Sur Paolino Sammut Inglott, Alla jâtih il-Ġenna, li kantatha is-S.na Giuseppina Muscat: ħelwa tassew il-mużika tagħha u kompliet qalgħetha fil-kant is-S.na Muscat li kellha terġagħha; l-oħra "Ftakar" immużikata mis-Sur Goff. Serge li kantaha s-Sur Karm Chircop u li qalgħet applaws mit-Teatru kollu. Il-Kliem ta' l-ewwel ta' Fra Lippo Lippi: tat-tieni ta' Gino Muscat Azzopardi.

Ingħidu xi ħaġa żgħira fuq "Il-Fidwa tal-Bdiewa".

"Il-Fidwa tal-Bdiewa" hi Ġrajja tar-Raba, miktuba versi għall-palk mis-Sur Nin Cremona. F'ħames Atti, bi kliem qawwi, bi kliem għani, l-awtur niseġ ġrajja storika ta' żmien il-Ħakma fuq Malta ta' Gonsalvo Monroy li lilu r-Re Alfonso, kien rahan Malta għal 30,000 fjorin. Il-Ġrajja tfakkar mita l-Maltin, imxabbgħa mill-ħakma ħażina tiegħu, qamu (1427) u baqgħu sa kemm bi flushom fdew lil Malta minn taħt idejh.

t L-ewwel xcna li dehret fil-Kunċert kienet "ir-Rewwixta' I WJeu-V I.nha s-Sur Ant. Diacono (ĠANNI) masatax jaħ<^ S L ,¦.hn, a licghu: fit-tieni xena, li k.enet "il-Gemgha ghafl Fidwa is-S.na Karmelina Borg (Rożi) hadmec: u mita ġj hiex lejliei M-tieġ, tati hwejjiġha tat-tieġ (ġhies).għall-fidwa bikkiet lilkullħadd tant bil-ħidma tagħha, tant bil-versi sbieh li kellha fjl-ġrajja.

In nisġa tal-Ġrajja tkompliet ferba' Tableaux Vivants J hrs-sahha ta' 1-artist Malti s-Sur Ġanni Vella, irnexxew tal-g^ ġeb: u I-iżjed ta'I-aħħar: id-dehra tal-Madonna lin-nies tal-Ġrajj, waqt li nstemgħet bil-kant: *"fs-Sliem għalik, Sultana: omm kl hniena hajja htewzva (ama tagħna. Sliem għalik, lilek ingħidu*

II-Bn.et ta'Mskola tal-Gvern għalqu I-Kuncert bis-sabiħ Innu Malti tal-Prof. R. Sarnut. Inġibu ħawn il-kliem tiegħu tal-Prof D. Karni Psaila :

**'Lil din I art helwa. 'l-omm li tatna isimha**
**Hares, Mulej, kif dejjem Int ħarist :**
**Ffakar li lilha bl-oħla dawl libbist.**

**Afl, kbir Alla, d-deh'n lil min jaħkimha,**
**Rodd il-ħniena lis-sid, sahha 'l-ħaddiem :**
**Seddaq il-ghaqda fil-Maltin u s sliem.**

IMCunċert irnexxa : dnub li *YGħaqda* tilfet il-flus flok li qalgħet k.f kellha bżonn ! iżda qalgħet ħaġa aqwa inill-flus għax bdan -l-Kuncert uriet is-sbuħija, il-ħlewwa u l-qawwa tal-Isien Malti. (jissokta.j

IXTRU

IT-TAGĦRIF FUQ IL-KITBA MALTIJA

Jinbiegħ 10 soldi,

XINHU L-MALTI SAFI

Mi»n għand Jinbiegħ 3 soldi,

## CRITIEN TAL-KOTBA

34- SDA. REALE, VALLETTA

J —BiHi matantx fadlilna kopji ta'!-ewwel għadd tal-MAT *t* Hissu ħl min ^ħandu X1 lsm,Jlet^' mseħbin u e ħadm u ' ¦ W U;PX H ifittex jibagħthomlna. gF,ad ma ^għ-

**^Nitolbu 'l-lmseħbin ta Barra li jibagħtulna ¦-ħ¦as mill iiiu « ¦,fls jinbagħat li! F. S. Caruana** 19, **Sda. Reale-VaHetta!** 1 f,S8>

j _-Sikwit igemgmulna li 1-Malti qiegħed joħroċ ftit • Vba kull tliet xhur: għandhom raġun: iżda xgħandna naK ħm3 ¦abirku b.exisibulna mseħbin iżjed u aħna nikkuntentawhom.

## IS-SENAT.

IL-LAQGĦA TIEGĦU TAT-13 TA' MARZU 1925-

nor. Kur. A. SAMUT : Minnflok surmast għall-malti, (*) ma kienx ikun aħjar lis-salarju jintefaq fħaġa aħjar, jiġifieri li wiehed jipprova jqiegħed floku *(siandardise)* iWsiep malti biili joħroġ grammatka u hekk Hcun hemm xi etimoloġija minn flok dil-għażla blaraju bla ħsieb ta'1-ittri libihom daż-żmien qegħdin jinbnew il-kliem malti? Nixtieq nisma' x'jidhrilhom is-Sur Galea u 1-Monsinjur Galea li tant iħabirku biex jatu fidejn il-poplu letteratura mexxejja bil-malti.

nor. FONSU M, GALEA: Billi semmew ismi ngħid Ii jien tassew ktibt ħafna bil-malti u ħriġt ħafna faxxikli bil-malti; iżda luq il-grammatka li 1-Onor Kur. Samut jixtieq jara stampata ngħid li billi 1-Gvern dan I-aħħar stampa waħda, ma hemmx għal fejn tiġi stampata oħra. Barra minn din, hemm ħafna grammatki oħra : iżda din 1-aħħar li ħarġet.

Onor. Rev. E. DANDRIA (Ministru tat-Tagħiim): Dan li kont sejjerngħid jien: għad illi 1-Gvern, dil-ħaġa maqalagħhiex jew ħa ħsiebha hu, kien hemm xirka ta' kittieba maltin jishna' *I-Għaqda iat-Kittieba iai-Malti* għat-tixrid ti t-tagħlim tal-lsien fealti *(per /o standardisation of the Maliese language)* Dm ??!rka talbet H1-Gvern jistampalha danix-xogħol tagħha u nekk sar. Manaħsebx liI-Gvern jista' jkollu nies ahjar mino dawk 'estew u guenu ^ftall-ħrut ta'dan ix-xoghol.

( ) Il-Gvern, sa mis-sena 1-oħra, qata' lijagħmel klass»)l dietv lf' MaIti fi, Liceo, iżda nistħu ngħidu lis issa gnau Rħax erbgħa biss inkitbu s-sena 1-oħra!